26 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Paolo Duca *versus* Paola Duca pr. et ne.

**Sekwestru — Salarju — "Wages" — "Fees" — "Port Labourers" — Spejjeż Ġudizzjarji — Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta — Art. 177 u 382(1) tal-Kap. 15**

*Skond il-liġi, ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq ħlas jew salarju ta' lavranti, ħaddiema u sefturi.*

*Il-leġislatur jadopera d-dizzjoni "ħlas" jew "salarju" biex jirrendi ċar li l-insekwestrabilità ta' rimunerazzjoni għax-xogħol materjali jew mekkaniku għandha tiġi applikata tant fil-każi li fihom ikun hemm il-ħaddiem impjegat għal żmien kontinwattiv, kemm ukoll fil-każi li fihom il-prestazzjoni tal-ħaddiem hi biss okkażjoni.*

*Il-ħlas li jingħata lill-ħaddiema tal-port għax-xogħol tagħhom jaqa' taħt din l-eżenzjoni, avvolja l-liġi speċjali li tirregola l-"port labourers" issejjaħ il-ħlas li jingħata lilhom bħala "fees".*

*L-attur li jommetti li jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża ma hux preġudikat b'din l-ommissjoni; għaliex il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji hija aċċessorja għad-domanda prinċipali, u hemm strettament konnessjoni magħha, għaliex hi sottintiża, għalkemm mhix espressa fl-att li bih tiġi proposta d-domanda; u l-liġi stess tiddisponi li l-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur jitlob illi, wara li jiġi mogħti kull provvediment opportun, u premessa d-dikjarazzjoni li l-paga jew salarju tiegħu ma jistgħax jiġi milqut minn mandat ta' sekwestru, skond l-art. 382 tal-Proċedura Ċivili, tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru numru 342/1957, maħruġ minn din il-Qorti fuq talba tal-konvenuta kontra tiegħu fid-29 ta' Ottubru 1957, in kwantu l-istess mandat jolqot il-paga jew salarju tiegħu bħala ħaddiem tal-port ("port labourer"), peress li skond il-liġi l-istess paga jew salarju mhux suġġett għal sekwestru;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fid-29 ta' Ottubru 1957 il-konvenuta otteniet minn din il-Qorti l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kontra l-attur żewġha, in eżekuzzjoni tas-sentenza tat-8 ta' Ottubru 1957 fil-kawża "Paola Duca vs. Paolo Duca", li biha l-attur f'din il-kawża ġie kundannat iħallas lill-martu, għaliha u għal uliedha, il-pensjoni alimentarja ta' £2.16.0 fil-ġimgħa, minbarra li spejjeż tal-kawża. L-attur qiegħed jitlob li tiġi revokata l-eżekuzzjoni ta' dak il-mandat in kwantu l-istess jolqot il-paga jew salarju tiegħu bħala ħaddiem tal-port ("port labourer"), peress li skond il-liġi l-paga jew salarju mhuwiex suġġett għal sekwestru. Il-konvenuta topponi t-talba tal-attur billi tissottometti li l-pagamenti li jsiru lill-attur mhumiex la ħlas u lanqas salarju, fis-sens tal-art. 382(1)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, imma huma dawk

li skond il-liġi li tirregola x-xogħol tal-Ħaddiema tal-Port (Kap. 158 LL. ta' Malta) jissejħu "drittijiet" ("fees");

Illi skond l-art. 382(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq ħlas jew salarju ta' lavranti, ħaddiema u sefturi. Din l-eżenzjoni mill-eżekuzzjoni tal-mandati ta' sekwestru tiġi akkordata biss a favur tal-klassi tal-ħaddiema li x-xogħol tagħhom hu prettament manwali, u li l-istipendju tagħhom ordinrjament appena jkun biżżejjed għall-bżonijiet neċessarji ta' min jipperċepieħ u tal-familja tiegħu (Vol. XXV-II-470). Is-salarju jikkontrapponi ruħu għal "stipendju" u "onorarju", li huma l-vokaboli proprijі biex ifissru r-rimunerazzjonijiet tal-ħaddiema ntellettwali. Il-leġislatur jadopera d-dizzjoni "ħlas" jew "salarju" billi l-kelma "ħlas" tindika aħjar ir-rimunerazzjoni għax-xogħol avventizju, a differenza ta' "salarju", li hi proprja tar-rimunerazzjoni għal xogħol kontinwattiv, biex jirrendi ċar li l-insekwestrabilità ta' rimunerazzjoni għax-xogħol materjali jew mekkaniku għandha tiġi applikata tant fil-każi li fihom ikun hemm il-ħaddiem impjegat għal żmien kontinwattiv kif ukoll fil-każi li fihom il-prestazzjoni tal-ħaddiem hi biss okkażjoni (Vol. XXVII-I- 999);

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji, fost oħrajn, enunċjati fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, it-talba tal-attur dedotta fiċ-ċitazzjoni għandha tiġi milqugħa. L-attur hu "port labourer", ċjoè ħaddiem manwali, u l-ħlas li huwa jirċievi jirċevieħ għal dan ix-xorta ta' xogħol biss. Ma jreġix dak li tissottometti l-konvenuta, jiġifieri li l-attur ma għandux ħlas fiss għax-xogħol tiegħu, u l-liġi fl-imsemmija dispożizzjoni teżenta biss il-"wages" u s-"salaries" li jumpurtaw ħlas li jkun fiss, ċjoè jingħata perjodikament, bil-ġimgħa jew bix-xahar, mentri l-attur, kif xehed, jitħallas skond ix-xogħol li jaħdem, u anzi għax-xogħol tiegħu ma jirċevix "wages", imma "fees". Infatti, fl-imsemmija dispożizzjoni l-liġi teżenta mill-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru, u biss a favur tal-ħaddiema manwali, kull ħlas li

dawn jirċievu, ikun x'ikun dan il-ħlas, u l-mod u ż-żmien kif lilhom jingħata. Qua Hosiery Manufacture (Wages) Act, 1874, 37 & 38 V. c. 48, "any money or other thing had, or contracted to be paid, delivered or given, as a recompense, reward or remuneration, for any labour done or to be done (whether within a certain time or to a certain amount, or for a time or any amount uncertain), shall be deemed and taken to be the wages of such labour" (s. 7). Qua Stannaries Act, 1837, 50 & 51 V. c. 43, "wages includes all earnings by miners arising from any description of piece or other work, or as tributes or otherwise" (Stroud's Judicial Dictionary, second edition, p. 2205);

Għalhekk, il-kelma "wages" ma timpurtax bilfors ħlas biss. Del resto, skond il-liġi (Kap. 158), il-"port labourers" huma klassi ta' ħaddiema għalihom, li jiġu mpjegati regolarment wara li jottjenu l-liċenza mill-Kummissarju tal-Ħaddiema u tal-Emigrazzjoni; u l-ħlas għax-xogħol tagħhom, li jissejjaħ fees, mhux fiss, sempliċement għax dan ix-xogħol ivarja minn żmien għall-ieħor, anki minn ġurnata għall-oħra, u kwindi neċessarjament ivarja wkoll il-ħlas għall-istess xogħol;

Illi l-attur ommetta li jitlob il-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża; però din l-ommissjoni mhix ta' preġudizzju għall-attur; għaliex, kif ġie deċiż minn din il-Qorti (Vol. X, 636), il-kundanna għal-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji hi aċċessorja għad-domanda prinċipali, u hemm strettament konnessjoni magħha, għaliex hi sottintiża, għalkemm mhix espressa fl-att li biħ tiġi proposta d-domanda. U l-liġi stess tiddisponi li l-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż (art. 177 Kod. Proċ. Ċivili);

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għat-talba tal-attur; bl-ispejjeż.